

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1144/2012

tat-28 ta' Novembru 2012

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet tal-Unjoni speċifiċi, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.
- (3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta'din it-tabella.

- (4) Huwa xieraq li jiġi previst li informazzjoni tariffarja vinkolanti u li tkun inħarġet mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tiġi invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ⁽²⁾.

- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif tidher fl-Anness ikunu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja li torbot, maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li mhijiex skont dan ir-Regolament, tista' tkompli tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2012.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,

Algirdas ŠEMETA
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Prodott li jikkonsisti f'melassa tal-kannamieli deidratati mmodifikati ppreżentati taħt forma ta' trab, b' 'kulur kannella ċar, li jikkonsisti f'dan li ġej (% skont il-piż): — sukrożju (inkluż sukrożju idrolizzat 82,4 (invert sugar)) — ash 1,5 — fibra grezza 7 Il-prodott ma fihx lamtu u għandu polarizzazzjoni ta' 83,4°. Matul il-proċess ta' produzzjoni, jiżdiedu konċentrati tal-fibri tal-pjanti u tal-melassa tal-kannamieli u tinkiseb melassa tal-kannamieli deidrata. Il-prodott mhuwiex tajjeb għall-konsum mill-bniedem u jintuża biss għall-ġhalf tal-annimali.	2309 90 96	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 1 tal-Kapitolu 23 kif ukoll bil-kliem tal-kodiċijiet NM 2309, 2309 90 u 2309 90 96. Minkejja l-kontenut għoli ta' sukrożju, il-prodott ma jistax jitqies bħala zokkor tal-kannamieli tal-intestatura 1701 minħabba ż-żieda ta' fibri tal-pjanti matul il-proċess tal-produzzjoni. Minħabba ż-żieda tal-konċentrati tal-molassa tal-kannamieli u l-proċess ta' deidrazzjoni, il-kontenut ta' zokkor preżenti fil-prodott huwa konsiderevolment oġġla milli f'molassa tal-kannamieli tradizzjonali. Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 1703 hija għalhekk eskluża. Il-prodott huwa użat fl-ġhalf tal-annimali u tilef il-karatteristiċi essenzjali tal-materjal oriġinali matul il-proċess ta' produzzjoni (ara n-Nota 1 tal-Kapitolu 23). Il-prodott għandu għalhekk jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 2309 bħala preparazzjoni ta' tip użat fl-ġhalf tal-annimali.